# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju 2019**

**Kawza Numru : 11**
**Rikors Guramentat Numru : 1224/2018/LSO**

**Liene Zalkalne [ID 29009A)**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Liene Zalkalne [ID 29009A] datat 6 ta' Dicembru 2018 fejn bil-gurament taghha kkonfermat:-

Illi l-attrici originarjament twieldet il-Latvia u ilha tghix hawn Malta ghal dawn l-ahhar tmintax (18) -il sena;

Illi hija applikat ghac-cittadinanza Maltija liema cittadinanza giet moghtija lilha pero' meta saret ir-registrazzjoni tac-certifikat tat-twelid fir-Registru Pubbliku dina giet erronjament indikata u inserita';

Illi jirrizulta li mill-kopja tac-certifikat tat-twelid li l-isem tal-attrici huwa 'Liene' [Dok A] u mhux kif erronjament indikat fic-certifikat li hareg mill-konvenut 'Leane daughter of Arvids Zalkalne';

Illi barra minn hekk il-post tat-twelid tal-attrici huwa Riga, Latvia u mhux Riga Latvian SSR hekk kif gie indikat f'Dok B;

Illi ghalhekk l-attrici tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jigi registrat, fl-Att tat-Twelid taghha, hekk kif hawn taht indikat;

Illi ghalhekk, kellha ssir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi ordnat jaffettwa d-debita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid billi l-isem tal-esponenti jinbidel minn;

Illi sussegwentement ghandu jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti illi c-certifikat tat-twelid u d-dokumenti kollha ufficjali sussegwenti tal-esponenti ghandhom jigi indikati bl-isem ta' Liene u l-post tat-twelid taghha ghandu jigi indikat bhala Riga, Latvia;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna:

1. Tordna, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili, l-pubblikazzjoni ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Tiddikjara illi l-isem li l-attrici kienet konsistentement maghrufha bih huwa 'Liene' u mhux kif gie erronjament indikat fic-ceritifikat tat-twelid;

3. Tordna korrezzjoni fl-Att tat-twelid li jgib in-numru erba’ mija disgha u erbghin tas-sena elfejn u tmintax (2018) billi fil-kolonna ntestatata ‘isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' jithassar l-isem 'Leane daughter of Arvids Zalkalne' u jigi registrat l-isem 'Liene';

4. Tordna korrezzjoni fl-Att tat-twelid li jgib in-numru erba’ mija disgha u erbghin tas-sena elfejn u tmintax (2018)) billi fil-kolonna ntestata 'Post tat-twelid tat-tarbija' ghandha tigi msejha' jithassar Riga Latvian SSR u jigi registrat Riga, Latvia.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta’ Frar 2019.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tal-Avukat Generali datata 8 ta’ Frar 2019 (fol

17) fejn l-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma s-segwenti:

1. Illi l-esponent jirrileva li huma ma huwiex edott mill-fatt kif iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-attrici twieldet gewwa Riga fil-Latvja nhar it-13 ta' Awwissu 1956 u sussegwentament tali twelid gie registrat gewwa Malta *ai termini* tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-esponent irregistra l-Att tat-twelid tal-attrici wara talba naghmula taht l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Flimkien mat-talba li saret, li tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'DPR 1' gew forniti wkoll id-dokumenti kollha mehtiega, *inter alia*, l-Att tat-Twelid esteru u traduzzjoni tal-istess, hawn annessi u mmarkati bhala Dok 'DRP 2' u Dok 'DRP 3'. Ghaldaqstant l-esponent wara li kien soddisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti, ghadda ghar-registrazzjoni tal-istess Att billi *ad verbatim* giet imnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att esteru. Dan ifisser illi isem u kif ukoll il-post tat-twelid tal-attrici, tnizzlu fl-Att tat-Twelid Malti skont it-traduzzjoni fornita lid-Direttur konvenut u dan galadarba d-Direttur kellu l-obbligu li fir-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid, inizzel l-istess informazzjoni;

4. Illi *stante* s-suespost u kif ukoll mid-dokumenti esebiti mill-esponent ma jirrizultax mill-Att ta' Twelid tal-attur, hawn anness u mmarkat bhala Dok 'DRP 4', li jgib in-numru ta'

iskrizzjoni 4249 tas-sena 2018, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent. Fil-fatt tajjeb li jigi sottolinejat illi fir-rigward tat-tieni u t-tielet talba, d-Direttur konvenut huwa tal-umli fehma illi huma talbet frivoli *stante* li huwa qatt ma nizzel fl-Att tat-Twelid Malti isem l-attrici bhala 'Leane' kif qed jigi sottomess fir-rikors guramentat. Mid-dokumenti esebiti mill-konvenut jidher car illi isem l-attrici fl-Att tat-Twelid Malti kien dejjem 'Liene;

5. Illi l-esponent, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza huwa jirrimetti ruhu, salv li l-provi migjuba jkunu l-ahjar sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma inkluz dak tal-Gimgha, 10 ta' Mejju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Joel Calleja ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku. Dehret Dr Josette Sultana ghar-rikorrenti prezenti fl-Awla. Dr Calleja ddikjara li ma kellux aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-3 ta' Jannar 2019 (fol 13).

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-isem taghha fuq l-att tat-twelid kif registrat hawn Malta, jigi korrett, billi isimha jigi indikat bhala "Liene". Qed titlob ukoll, li jigi korrett il-post tat-twelid fl-istess att tat-twelid kif registrat billi l-post tat-twelid ghandu jigi indikat "Riga" mhux "Riga Latvia SSR".

Ikkonsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi din hija registrazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi li:

*"**244**.(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' Mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-*

*awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor, dan jigi registrat skont id-dettami tal-istess artikolu 244, billi jigi riprodott dak imnizzel fic-certifikat esteru. Illi huma proprju f'dan is-sens, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tad-Direttur intimat, fejn gie eccepit, r-registrazzjoni ssir skont it-traduzzjoni fornita lid-Direttur intimat u t-traduzzjoni tal-istess dokument. Difatti, gew esebiti Dok DRP2 u Dok DRP3, l-att tat-twelid esteru tar-rikorrenti u t-traduzzjoni tieghu. Illi din il-Qorti taqbel ukoll ma' dak sottomess fir-raba' eccezzjoni tad-Direttur intimat, li fl-att tat-twelid tar-rikorrenti kif registrat, jirrizulta li isimha kien indikat "Liene", u mhux "Leane" kif sottomess fir-rikors promotur. Difatti, jigi osservat, li hemm zball fit-tielet talba tar-rikorrenti, billi isimha hu indikat bhala "Liene daughter of Arvids Zalkalne" fl-att tat-twelid u mhux "Leane daughter of Arvids Zalkalne", kif indikat fit-tielet talba kif dedotta.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Illi r-rikorrenti esebiet mar-rikors promotur, kopja tal-att tat-twelid esteru u t-traduzzjoni tieghu Dok B u Dok C mar-rikors promotur, kopja tal-karta

tal-identita taghha Dok C u kopja tal-passaport taghha Dok D, fejn hi indikata bl-isem "Liene".

Inoltre`, r-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit, fejn qalet li twieldet f'Riga fil-Latvia fit-13 ta' Awwissu 1956. Semmiet li giet tirrisjedi f'Malta tmintax-il sena ilu, u meta gie registrat l-att tat-twelid f'Malta saru xi inkorrettezzi. F'affidavit ulterjuri xehdet li meta fl-att tat-twelid esteru giet indikata bhala "Liene daughter of Arvids" din kienet il-prassi fil-Latvia f'dak iz-zmien, u dan gie rifless fl-att tat-twelid taghha kif registrat f'Malta. Hi esebiet dokumenti B sa H, a fol 40 *et sequens*, mal-affidavit taghha, fejn hija indikata bl-isem 'Liene'. Spjegat ukoll, li r-referenza ghal "Latvian SSR" kienet obligatorja minhabba l-okkupazzjoni Russa dak iz-zmien. Ghalhekk, hija qed tipprocedi biex isimha u l-post tat-twelid jigu korretti kif mitlub fit-talbiet kif dedotti.

Fid-dawl tal-affidavit u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati.

Izda, taqbel mad-Direttur intimat li ma jirrizultax li sar zball fl-att tat-twelid tar-rikorrenti kif registrat f'Malta. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti:

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li r-rikorrenti hija konsistentement maghrufa bl-isem "Liene", ghalhekk

tordna lid-Direttur intimat jikkoregi fejn hemm bzonn l-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru 4249 tas-sena 2018, billi jithassar l-isem "Liene daughter of Arvids Zalkalne" li minflok ghandu jigi sostitwit bl-isem "Liene". Tilqa' wkoll, it-talba tar-rikorrenti sabiex jigi korrett il-post tat-twelid fl-istess att tat-twelid taghha numru 4249 tas-sena 2018, billi l-kliem "Riga Latvian SSR" jigi sostitwit b' "Riga Latvia".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**09 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**09 ta' Lulju 2019**